Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 370 / 2018

**Il-Pulizija**

**Spettur Robert Vella**

**vs**

**Dailin Bennetti**

Illum 1 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Dailin Bennetti detentur tal-karta tal-identita' Maltija 276297M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-20 ta' Jannar 2018 ghall-habta tat-8.00 ta' filghaxija gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Saq vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni IAV-782 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmija vettura, bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a), (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni IAV-782, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz u bla kont, bi ksur ta' l-Artikolu 15 (1)(a), (2), (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur u cioe` Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni IAV-782, ecceda l-limitu tal-velocita`, bi ksur tar-Regolament 127 ta' L.S. 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni IAV-782 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli nhar l-20 ta' Jannar 2018 u anke fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

5. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U fl-ahhar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D.) nhar l-4 ta' Jannar 2018, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula, bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-26 ta' Settembru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 127 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, l-Artikoli 3(1), (2)(a) u 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 8(a), 8(d) u 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(f), (h), 28B u 49 tal-Kap. 9, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Dailin Bennetti hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu, b'dan illi dwar l-addebitu tar-recidiva, qed issibu hati biss ai termini tal-Artikolu 49 u mhux tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 u ikkundannatu fir-rigward tal-ewwel erba' imputazzjonijiet ghall-piena ta' multa kumplessiva ta' tliet elef u mitejn ewro (€3,200) u fir-rigward tal-hames u s-sitt imputazzjonijiet ghall-penali ta' tmenin ewro (€80).

Dwar is-seba' imputazzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, biddlet l-ordni originali mertu tas-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr. J. Mifsud tal-4 ta' Jannar 2018, billi minflok il-perjodu operattiv ta' sitt xhur, ordnat illi tali perjodu ghandu jkun ta' sena mid-data tal-lum. Ghalhekk permezz ta' dan l-ordni, il-piena ta' tliet xhur prigunerija mertu ta' dik is-sentenza giet sospiza ghall-perjodu ta' sena li tibda tghaddi mil-lum.
Ai termini tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati jista' jhallas il-multa imposta ta' tliet elef u mitejn ewro (€3,200) f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk huwa jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi. Ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta'

Malta, tordna illi f'kaz li l-hati ma jhallasx il-penali ta' tmenin ewro (€80) imposta b'din is-sentenza, fi zmien xahar mil-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, skawlifikat lill-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il (12) xahar mil-lum.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bhala Dokument RB5, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Dailin Bennetti, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 t'Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

Tvarja, tirriforma u timmodifika s-sentenza apellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Dailin Bennetti, nhar is-26 ta' Settembru, 2018 billi tilqa' dan l-appell u filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu s-sejbien ta` ħtija dedotta kontra l-appellanti tirrevokaha u tħassarha fil-parti tal-piena u tinfliġġi piena iktar idonea u inqas ħarxa li tirrispekkja l-każ in eżami.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju ta' l-appellanti huwa wieħed ċar u manifest:

Illi fir-rikors ta' l-appell odjern, l-appellanti huwa konxju mill-ammisjoni bikrija tiegħu u filwaqt li kif diġa spjegat huwa ddispjaċih ta' għemilu, qiegħed jinterponi dan l-umli appell in kwantu l-piena mogħtija lilu hija waħda ħarxa, eċċessiva u mhux idonea fiċ-ċirkustanzi li jirrispekkjaw il-każ odjern.

Illi l-Ewwel Qorti bid-dovut rispetto naqset li tikkonsidra r-riforma kompluta ta' l-appellanti u dan mhux biss in kwantu l-użu minimum tal-*cannabis* fejn preżentement l-appellanti jinsab nadif għal kollox minn kull sustanza iżda wkoll in kwantu għall-għalmu tiegħu sabiex pendenti l-proċeduri huwa jikseb il-liċenzja tas-sewqan u jkun jistgħa jsuq b'mod regolari kif ukoll l-għamlu tiegħu ħalli joħroġ minn-nassa li kien fiha u jibda ħajja ġdida.

Dan jingħab b'responsabbilta' kbir filwaqt li wieħed jisħaq li l-għan tal-punizzjoni m'għandiex tkun waħda intiża biex issawwat iżda sabiex tirriforma u tiggwida lill-persuna imputata in kwistjoni.

Illi ma jkunx ideali li la li l-appellanti jingħata sentenza sospiża bir-riżultat negattiv li ta' eta' daqsekk żgħira diġa jtebba' l-kondotta li jrid jaħdem biha u wisq anqas li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu tiġi sospiża għal tul ta' tnax (12) il-xahar. Din hija miżura wisq ħarxa u ser tirrijavviża f'kastig mhux biss għall-appellanti iżda għas-sieħba tiegħu u b'mod partikolari għall-ibnu. Iċ-ċirkostanzi sofortunati ta' l-appellanti huwa li hu iben ta' missier mhux magħruf, iben li trabba minn omm waħedha u mhux biss iżda anzi ommu llum il-ġurnata tinsab tiela' u nieżla l-Ingilterra minħabba li ħu l-esponenti huwa marid.

Minkejja li wieħed jistgħa jissottometti li dawn huma kollha ċirkustanzi sfortunati indipendenti mill-kawża odjerna, fl-istess nifs, f'isem l-istess ġustiżżja li ġiebet lill-istess appellant quddiem il-Qorti u l-istess sens li ggwidah jirreġistra ammissjoni bikrija għandu jimmilita favuh tiegħu. L-esponenti huwa l-uniku pilastru li hemm fin-nukleu żgħir familjari tiegħu u għalhekk ikun għaqli u uman li l-gustizzja tgħinu jirriforma ruħu u mhux tisgwidah iktar. Dan jingħad anki fid-dawl tal-fatt li r-reati addebitati lilu huma fir-realta' reati minimi u ma jirriavviżawx ċirkustanzi allarmanti. Iktar minn hekk, wieħed tajjeb li jinsisti li preċedentement qabel l-ammissjoni bikrija tiegħu kien hemm ukoll patteġjament informali bejnu u bejn il-Prosekuzzjoni li minkejja li l-Ewwel Qorti qablet miegħu, sfortunatament u ċertament b'mod għal kollox aċċidentali ma ġiex rifless fis-sentenza li minnu qiegħed l-appellanti jinterponi dan l-umli appell.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fl-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) il-Pulizija mis-sezzjoni tal-Rapid Intervention Unit kienu waqt ronda fi triq it-Tigrija gewwa l-Marsa meta innutaw vettura tat-tip Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni IAV782 li kienet qieghda tinstaq b'mod eccessiv u perikoluz;

2. Din il-vettura giet imwaqfa u rrizulta li kienet qieghda tinstaq mill-appellant filwaqt li kien hemm prezenti persuna bhala passigier;

3. Hekk kif gie imwaqqaf, gie nnutat li x-xufier u cioe' l-appellant rema' borza hadra u joint;

4. Instabu numru ta' oggetti ohra fil-vettura;

5. Skont l-ircevuta a fol 12 u mmarkata bhala RB1 minghand l-appellant gew elevati '2 *Grinders (1 coloured Red and Yellow, Silver with scorpion*', '1 *Pepper Spray*', '1 *Join*', '2

*Cigarette Paper'*, *'1 Grass in green packet (amount 1.005g)'*, *'1 Grass Packet (amount 0.470g)'* u *'1 Small Packet with Grass (amount 0.084g)'*, *'1 Blue Packet'* u *'1 Packet with Smileys'*.

6. L-appellant ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghajr dwar l-addebitu tar-recediva, fejn ammetta biss din l-imputazzjoni in kwantu si tratta tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda mhux tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Il-Qorti sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu ghajr ghall-addebitu tar-recidiva fejn sabitu hati biss taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda mhux taht l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-appellant appella mill-piena imposta fuqu permezz tas-sentenza appellata. Huwa fost sottomissjonijiet ohra jghid li l-piena hija wahda harxa, eccessiva u mhux idonea fic-cirkostanzi li jirrispekkjaw il-kaz. Jissottometti li l-Qorti naqset milli tikkonsidra r-riforma kompluta tal-appellant u dan mhux biss in kwantu l-uzu minimu tal-cannabis fejn prezentement l-appellant jinsab nadif ghal kollox minn kull sustanza izda wkoll in kwantu ghall-ghalmu tieghu sabiex pendenti l-proceduri huwa jikseb il-licenzja tas-sewqan u jkun jistgha jsuq b'mod regolari kif ukoll l-ghalmu tieghu halli johrog minn nassa li kien fiha u jibda hajja gdida. Jishaq li l-ghan tal-punizzjoni ma ghandhiex tkun wahda intiza biex issawwat izda sabiex tirriforma u tigwida lil persuna imputata.

Jissottometti li ma jkunx ideali la li l-appellanti jinghata sentenza sospiza bir-rizultat negattiv li ta' eta' daqsekk zghira diga jtebba l-kondotta li jrid jahdem biha u wisq anqas li l-licenzja tas-sewqan tieghu tigi sospiza ghal tul ta' tnax (12) il-xahar. Li din hija mizura wisq harxa u li ser tirrijavviza f'kastig mhux biss ghall-appellanti izda ghas-siehba tieghu u b'mod partikolari ghall-ibnu.

Jaghmel referenza ghac-cirkostanzi sfortunati u cioe' li l-appellant hu iben ta' missier mhux maghruf, trabba minn omm wahedha u li ommu tinsab tiela' u niezla l-

Ingilterra minhabba li hu l-appellant huwa marid. Jissottometti li minkejja li wiehed jista' jissottometti li dawn huma kollha cirkostanzi sfortunati indipendenti mill-kawza odjerna, fl-istess nifs, f'isem l-istess gustizzja li giebet lill-istess appellant quddiem il-Qorti u l-istess sens li ggwidah jirregistra ammissjoni bikrija ghandu jimmilita favur tieghu. Jissottometti li huwa l-uniku pilastru li hemm fin-nukleu zghir familjari tieghu u li ghalhekk ikun ghaqli u umbad li l-gustizzja tghinu jirriforma ruhu u mhux tisgwidah iktar. Jissottometti li r-reati huma minimi u ma jirravvizawx cirkostanzi allarmanti. Jissottometti li qabel l-ammissjoni bikrija, kien hemm pattegjament informali bejnu u l-prosekuzzjoni u minkejja li l-Ewwel Qori qablet mieghu, sfortuntament u certament b'mod accidentali ghal kollox ma giex rifless fis-sentenza li minnu qieghed l-appellant jinterponi dan l-appell.

Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'**[1] fejn gie kkunsidrat li:

'*6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** *deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru 234 tal-2019)

*he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet* ***manifestament eċċessiva*** *meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell* ***Kandemir*** *u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ.*

*Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Gudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a) Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan*

*soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.'*

Fil-verbal tas-seduta tad-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) quddiem l-Ewwel Qorti gie vverbalizzat li '*Il- partijiet jaqblu li minn dakinhar l-imputat ma regax kellu skontri mal-gustizzja, ottjena licenzja tas-sewqan, qed jahdem u qed jistenna tarbija u li kkopera mal-pulizija kif ukoll illi jidher illi m' ghadux jaghmel uzu minn sustanzi. Qieghed ukoll jigi segwit minn ufficjal tal-Probation u jattendi sessjnijiet fl-Agenzija Caritas.*'

Il-Qorti fis-sentenza appellata qieset il-fedina penali tal-appellant fej kien misjub hati ta' serq semplici u aggravat f'izjed minn okkazzjoni wahda, ta' hsara volontarja f'izjed minn okkazzjoni wahda, fastidju, assocjazzjoni ghal fini ta' serq aggravat u pussess ta' arma. Fejn l-imputat kien inghata Ordni ta' probation tlett darbiet, liberta' kondizzjonata u sentenza ta' prigunerija sospiza. Qieset ukoll is-sottomissjonijiet

finali tal-partijiet fosthom li ma regax kellu skontri ohrajn mal-gustizzja, li ottjena licenzja tas-sewqan, ghandu impjieg u  kien qed jistenna tarbija u li kkopera mal-pulziija waqt l-investigazzjoni taghha. Qieset ukoll id-dikjarrazzjoni li qed jattendi ghal sessjonijiet gewwa l-Agenzija Caritas. Ghalhekk dehrilha li ghandha taghtih opportunita' ohra.

L-Ewwel  Qorti in kwantu l-ewwel erba' (4) imputazzjonijiet ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' multa kumplessiva ta' tlett' elef u mitejn ewro  (€3,200) u fir-rigward tal-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet ikkundannatu ghal penali ta' tmenin ewro (€80). Dwar is-seba' imputazzjoni l-Ewwel Qorti minflokk ma rrendiet operativ is-sentenza ta' prigunerija sospiza li kienet ordnata permezz ta' sentenza datata l-erbgha (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018), ordnat li l-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija mertu ta' dik is-sentenza jigu sospizi ghal perjodu ta' sena. Ghalhekk f'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis li ma jaghmel l-ebda sens li l-appellant jargumenta li mhux ideali li l-appellant jinghata sentenza sospiza bir-rizultat negattiv  li ggib maghha fejn itebba l-kondotta tieghu. Dan qed jinghad peress li l-appellant kien gia inghata sentenza sospiza permezz tal-imsemmija sentenza tal-erbgha (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) mertu tas-seba' (7) imputazzjoni u cioe' sentenza ta' tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal sitt (6) xhur. Il-Qorti fis-sentenza appellata minflokk ma ordnat li dawk it-tlett (3) xhur prigunerija jidhlu fis-sehh, ordnat li l-perjodu operattiv ta' sitt (6) xhur minflokk ikun ta' sena li jibda ghaddej mil-lum. Ghalhekk certament li s-sottomissjoni tal-appellant in kwantu l-estensjoni tas-sentenza sospiza, hija infondata ghall-ahhar. Certament li ma jistax jinghad li din hija piena eccessiva meta l-appellant rega ghal darba ohra nghata cans iehor.

Jirrizulta li kemm il-piena ta' tlett'elef u mitejn ewro (€3,200) multa rigward l-ewwel erba' (4) imputazzjonijiet u l-penali ta' tmenin ewro (€80) rigwardanti l-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet huma fil-parametri tal-ligi u ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tvarjahom.

L-appellant fil-mori ta' dan l-appell prezenta nota b'dokumenti biex juri li huwa jbghati minn kundizzjoni medika severa kif ukoll li huwa jahdem bhala delivery person. Dan id-dokument li jinsab a fol 52 jirrigwarda approvazzjoni tal-uzu ta' 'Cannabis Flos' tramite 'inhalation' ghal zmien partikolari indikat fuq dan id-dokument u fejn hemm indikat li jbghati minn 'Severe Autism / ADHD'. Dan id-dokument u cioe' a fol 52 u 53 ma huwiex kopja awtentika tal-original. In oltre', din il-Qorti xorta ma tqis li tressqet raguni valida li abbazi taghha ghandha tvarja l-piena inflitta.

Rigwardanti l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar, din il-Qorti tqis li l-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 jiprovdi li:

'*Kull min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu għandu (ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati:*

....'

L-artikolu 3(2B) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

'*Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Att dwar il-Probation, ma japplikawx fil-każ ta' xi reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.*'

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar hija skond dak li tipprovdi l-ligi u l-perjodu huwa filfatt il-minimu. Minn kopja ta' dokument prezentat ma' nota prezentata mill-appellant u senjatament a fol 54 tal-atti processwali jirrizulta li l-appellant huwa impjegat bhala Delivery person. Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) l-appellant iddikjara li huwa jahdem bhala self employed.

Din il-Qorti tifhem li l-licenzja tas-sewqan hija krucjali fil-hajja tant mghaggla tal-lum, biss pero gialadarba l-appellant ikommetta reati li huma kundanabbli anke bi skwalifika tal-licenzja, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha inkluz fejn skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jikseb il-licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar. In oltre', l-appellant ma messu qatt saq vettura  mhux biss b'mod traskurat, bla kont u perikoluz u fejn anke ecceda l-limitu ta' velocita' izda in oltre' ma messu qatt saq vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni.  Il-fatt li l-appellant jissottometti li llum il-gurnata ghandu l-licenzja tas-sewqan u li jahdem bhala delivery person ma jbiddel xejn *ai fini* ta' piena. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet  '**Il-Pulizija Spettur Frans Micallef Spettur Spiridione Zammit Vs Mario Mifsud**'[2]:

'*Minbarra l-ewwel argument, l-appellant ressaq ukoll ilment illi huwa jiddependi hafna mis-sewqan minhabba problemi illi ghandu familjari fis-sens illi qed irabbi wahdu zewgt itfal minuri u li wiehed minnhom ibaghti minn autism akuta u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja ser jaghmel il-hajja tal-appellant ferm difficli anke minhabba li l-aktar li ser ibaghtu minn din il-piena huma t-tfal minuri illi jiddependu b'mod assolut fuq l-appellant. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan l-ahhar ilment tal-appellant jista' jigi milqugh peress illi l-qrati taghna dejjem argumentaw illi persuna li jiddependi mis-sewqan ma jintitolahx illi jmur kontra l-ligi. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Paul Azzopardi" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Awwissu 2006 intqal illi l- fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu ... "ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin." Kif già nghad il-Qorti applikat l- iskwalifika fil-minimu taghha dovut mhux ftit ghall-fatt illi l-appellant ammetta fi stadju bikri tal- akkuzi migjuba kontra tieghu.*'

Illli din il-Qorti tqis li l-piena inflitta mhux biss hija fil-parametri tal-ligi izda certament ma jistghax jinghad li hija wahda eccessiva, anzi filfatt hija intiza ghar-

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminai fit-2 ta' Ottubru, 2014 (Appell Kriminali Numru: 1/2014)

riforma tal-appellant. Nonostante l-fatt li l-appellant xellef difru mal-gustizzja diversi drabi, l-Ewwel Qorti xorta ghazlet li taghtih cans iehor meta ma kkundannatux ghal piena ta' prigunerija effettiva. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tvarja l-piena inflitta.

Din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kemm fil-piena kif ukoll fil-htija.

Rigwardanti s-seba' imputazzjoni fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti fis-sentenza appellata bidlet l-ordni originali mertu tas-sentenza datata l-erbgha (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn minflok il-perjodu operattiv ta' sitt (6) xhur, il-Qorti fis-sentenza appellata ordnat li tali perjodu ta' sospensjoni ghandu jkun ta' sena. Ghalhekk il-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija gew sospizi ghal sena. Dan il-perjodu operattiv ta' sena ghandu jibda ghaddej mil-lum.

In kwantu l-multa ta' tlett' elef u mitejn ewro (€3200) li *ai termini* tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jista' jithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), l-ewwel pagamenti ghandu jsir <u>fi zmien xahar mil-lum u cioe' mid-data ta' din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali</u>. Jekk l-appellant jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi. Ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tikkonferma l-ordni illi f'kaz li l-appellant ma jhallasx il-penali ta' tmenin ewro (€80) imposta b'din is-sentenza, <u>fi zmien xahar mil-lum u cioe' mid-data ta' din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali,</u> huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Il-perjodu ta' skwalifika lill-appellant milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar skont l-artikolu 3(2A) tal-kapitolu 104 ta-Ligijiet ta' Malta jibda' ghaddej mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni ghad-distruzzjoni tas-sustanza esebita bhala Dokument RB5 u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax (15)-il jum minn tali distruzzjoni.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur